MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 17/1994/1

**Salvu u Josephine konjugi Azzopardi**

**v.**

**Francis Zammit u b'digriet ta' l-14 ta' Novembru 2008 stante l-mewt ta' Francis Zammit l-atti gew trasfuzi f'isem martu Giorgia Zammit, f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' bintha l-imsiefra Maria mart Mario Vella, Marcella mart Pietru Farrugia u Teddy lkoll ahwa Zammit, Joseph Azzopardi u Emidio Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza biss tal-konvenut Emidio Azzopardi minn decizjoni moghtija fid-29 ta' Marzu 2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, fil-kawza fl-ismijiet premessi dwar danni, wara kawza intavolata mill-atturi konjugi Azzopardi li fiha dik il-Qorti ddecidiet hekk, jigifieri:

"Billi tillibera lill-konvenut Joseph Azzopardi *ab observantia*;

"Billi tieqaf li tikkonsidra l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba stante li x-xoghol ta' rikostruzzjoni gia` sar u gie kompletat fil-mori tal-kawza;

"Billi tiddikjara ghall-fini tar-raba' talba lill-konvenut Emidio Azzopardi responsabbli ghan-nofs l-ispejjez tad-danni li sofrew l-atturi bir-rimanenti nofs li ghandhom ibatuhom l-atturi stante l-element tal-forza magguri;

"Billi tillikwida ghall-finijiet tal-hames talba dawn id-danni fl-ammont ta' hamest elef u tmienja u sebghin lira Maltin (LM5,078);

"Billi tikkundanna ghall-fini tas-sitt talba lill-konvenut Emidio Azzopardi li jhallas lill-atturi s-somma ta' elfejn hames mija u erbghin lira Maltin (Lm2,540), bl-imghax dekorribbli mil-lum (i.e. id-data tas-sentenza);

"In kwantu ghall-ispejjez tiddeciedi li ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs mill-kontendenti b'dan pero` li l-ispejjez fir-rigward il-konvenuti Francis Zammit u Joseph Azzopardi ghandhom ikunu fl-intier taghhom a karigu ta' l-atturi."

Is-sentenza appellata qed tigi riprodotta bhala Appendici "A" ta' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**L-APPELL TAL-KONVENUT EMIDIO AZZOPARDI**

2. Il-konvenut Emidio Azzopardi hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha in data

tas-7 ta' Settembru 2006 ghall-fini ta' riforma u dan fis-sens li,

"... ... tikkonfermaha in kwantu din ikkonkludiet illi l-esponenti m'huwiex tenut jirrizarcixxi nofs id-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-inondazzjoni tad-19 ta' Novembru 2003; u tirrevokaha in kwantu laqghet it-talbiet attrici rigward in-nofs l-iehor mill-istess danni; u billi fi kwalunkwe kaz tirriformaha f'dak illi jirrigwarda l-komputazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi billi minflok is-somma li waslet ghaliha l-ewwel Onorabbli Qorti tillikwida somma mhux in eccess ta' tlett (elef) erbgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3064.50c), u kwindi, f'kaz biss illi l-ewwel aggravju tal-esponenti ma jigix akkolt *in toto*, tordna lill-esponenti jhallas kwalunkwe kwota minn dawn id-danni illi ghaliha huwa jigi tenut iwiegeb. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi."

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI FRANCIS ZAMMIT U JOSEPH AZZOPARDI GHAR-RIKORS TA' APPELL**

3. Il-konvenuti l-ohra, jigifieri Francis Zammit u Joseph Azzopardi wiegbu li l-appell ta' Emidio Azzopardi gie pprezentat *fuori termine* u ghalhekk huwa irritu u null, billi t-terminu ghall-appell beda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tad-digriet tat-23 ta' Awwissu 2006 u dan skond l-Artikolu 825 tal-Kap. 12. Osservaw li l-appellant stess jistqarr li r-rikors li sar minnu wara s-sentenza kien jirrigwarda zball ta' kalkolu a tenur tal-Artikolu 825(1). It-terminu ghall-appell jigi sospiz biss fil-kaz ta' rikors skond l-Artikolu 825(2).

Bla pregudizzju, fil-mertu, huma jghidu li ma hemm ebda aggravju sa fejn jikkoncerna lilhom, u ghalhekk huma m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dana l-appell.

**IR-RISPOSTA TAL-ATTURI GHALL-APPELL TAL-KONVENUT EMIDIO AZZOPARDI**

4. L-atturi Salvu u Josephine, konjugi Azzopardi wiegbu li s-sentenza hija wahda gusta u timmerita konferma minn din il-Qorti u huma jaghtu r-ragunijiet taghhom in dettal in sostenn ta' dan; pero` in linja preliminari huma jisssottomettu qabel xejn illi l-appell ta' Emidio Azzopardi gie pprezentat *fuori termine*. Dan

ghaliex it-terminu ghall-fini ta' appell beda jiddekorri mid-data li nghatat is-sentenza, u mhux mid-digriet li nghata in segwitu tas-sentenza mill-ewwel Qorti wara rikors *ad hoc* rigwardanti allegat "zball ta' kalkoli" a tenur tal-Artikolu 825(1) tal-Kap. 12. Huma wkoll isostnu li t-terminu ta' l-appell jigi terminat biss f'kazijiet fejn ikun hemm zbalji fil-kliem, kif hemm stipulat fl-Artikolu 825(2) tal-istess Kap. L-appell ghalhekk ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Kif diga` inghad *supra* il-mertu tal-vertenza jirreferi ghal azzjoni ghal danni esperita mill-atturi appellati kontra t-tlett konvenuti u li minnhom qieghed jappella unikament il-konvenut Emidio Azzpardi ghal fini ta' riforma tas-sentenza moghtija kemm fir-rigward ta' dak illi gie deciz fil-mertu, kemm ukoll dak li jirrigwarda l-ispartizzjoni tal-kap tal-ispejjez.

6. Minhabba u in vista tal-eccezzjoni li giet sollevata mill-appellati kollha, sija l-atturi kif ukoll iz-zewg konvenuti l-ohra, konsistenti fi pregudizzjal ta' indole legali, li jista' jwassal, kemm-il darba jirrizulta li huwa fondat, ghat-twaqqif tal-appell in kwantu jkun allura gie ddikjarat irritu u null billi jkun gie pprezentat *fuori termine*, deher imperattiv li qabel ma jigi investit il-mertu, ikun hemm l-ewwelnett decizjoni dwar l-imsemmija eccezzjoni. Fil-fatt gie registrat qbil f'dan is-sens waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2008 quddiem din il-Qorti.

7. Huwa pacifiku li s-sentenza appellata nghatat fid-29 ta' Marzu 2006 u li in data tal-5 ta' April 2006, il-konvenut Emidio Azzopardi intavola rikors quddiem l-ewwel Qorti li fih talab korrezzjoni fil-*quantum* tad-danni minn kif likwidati mill-ewwel Qorti u dan sar, jissottometti l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, "*ai termini* tal-Artikolu 825 tal-Kap. 12". B'digriet taghha moghti fit-23 ta' Awwissu 2006, l-ewwel Qorti <u>cahdet</u> it-talba tal-konvenut rikorrent (l-appellant odjern) ghar-ragunijiet hemm imsemmijin. In segwitu, l-appellant ghadda biex jipprezenta rikors ta' appell, dak in dizamina, in data tas-7 ta' Settembru 2006.

8. Huwa evidenti li mid-data li fiha giet ippronunzjata s-sentenza mill-Qorti tal-ewwel grad, jigifieri fid-29 ta' Marzu 2006, sa meta gie intavolat dana l-appell, jigifieri fis-7 ta' Settembru 2006, it-terminu ta' ghoxrin (20) jum li hemm stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (ara Artikolu 226(1) tal-Kap. 12), ghal fini ta' appell, kien ilu li skada. Madanakollu, l-appellant konvenut Emidio Azzopardi isostni li in konsegwenza tar-rikors tieghu pprezentat fil-5 ta' April 2006, it-terminu ghal fini ta' appell beda jiddekorri mid-data li dan ir-rikors gie iddegretat, jigifieri fit-23 ta' Awwissu 2006, u dan a tenur tal-Artikolu 825 tal-Kap. 12.

9. Din il-Qorti tibda billi tinnota li filwaqt li fir-rikors ta' appell, l-appellant jikkwalifika l-ghan tar-rikors tieghu surreferit b'mod generiku, jigifieri rikors
"fejn talab korrezzjoni fl-ammont ta' danni illi gew likwidati u li huwa gie ordnat ihallas *ai termini* tal-Artikolu 852 tal-Kap. 12";

fir-rikors tieghu datat 5 ta' April 2006, l-appellant invece jispecifika li bl-imsemmi rikors huwa ried jikkoregi zball ta' kalkolu, u fil-fatt fih jispjega hekk,
"Illi dan huwa in effetti zball tal-kalkoli illi jista' jigi korrett fuq rikors bhal dan odjern, pjuttost milli jinnecessita li jsir appell spendjuz".

Evidentement isegwi li dan ir-rikors in data tal-5 ta' April 2006, sar a tenur tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 825 tal-Kap. 12 li jistipula hekk:-
"Id-dispozizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-Qorti, fuq rikors ta' wahda mill-partijiet, li ghandu jigi nnotifikat lill-parti l-ohra, milli tikkoregi b'digriet, f'kull zmien, xi zball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza." (enfasi mizjuda tal-Qorti).

Fil-ligi tal-procedura ma jissemma' xejn li rikorsi simili u d-digrieti dwarhom jinterrompu jew jissospendu xi terminu ghal fini ta' appell, kif pretiz mill-appellant.

10. Il-posizzjoni hija kemmxejn differenti fil-kaz li r-rikors ikun relatat ma' zbalji dwar kliem uzat fis-sentenza jew

tibdil ta' espressjonijiet li ma jkunux cari, jew li jistghu jiftehmu xort'ohra – li m'huwiex pero` dak inkwadrat fir-rikors tal-appellant surreferit quddiem l-ewwel Qorti.

F'dan it-tieni tip ta' rikors, japplika invece s-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 825 tal-Kap. 12 li jaghti terminu ta' tletin (30) jum mis-sentenza li fih ikun jista' jigi intavolat tali rikors,
"... ... u f'dak il-kaz, iz-zmien moghti minn dan il-kodici ghall-appell mis-sentenza li tkun giet hekk ikkoreguta, jibda jghaddi minn dak in-nhar tad-digriet moghti fuq it-talba ghall-korrezzjoni". (Enfasi mizjuda tal-Qorti).

11. Il-pozizzjoni legali preciza ghalhekk hija aktar minn cara u l-appellant, jew ahjar il-patrocinant legali tieghu, jew ma fehemx sew dak li hemm stipulat fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (fl-ahjar ipotesi) jew inkella qieghed jintenta jizvija lill-Qorti (fl-aghar ipotesi). Hu x'inhu, ir-rikors ta' appell sar *fuori termine* billi f'kull kaz, dak li talab fir-rikors l-appellant ghal fini ta' korrezzjoni gie michud. Dan iwassal lil din il-Qorti biex tikkunsidra l-appell bhala wiehed fieragh u vessatorju u li ghalhekk ghandu jigi sanzjonat minn din il-Qorti skond il-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikjara r-rikors ta' appell tal-konvenut Emidio Azzopardi bhala irritu u null in kwantu gie intavolat *fuori termine* u ghalhekk ukoll l-appell tieghu qieghed jigi respint, u filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, qeghda tikkundanna lill-appellant Emidio Azzopardi li jhallas l-ispejjez ta' dan l-appell doppjament bl-applikazzjoni tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Deputat Registratur
Df

**<u>Appendici "A"</u>**

Kopja shiha tas-sentenza appellata tad-29 ta' Marzu 2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Gurisdizzjoni Generali qed tigi annessa ma' din l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------